**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Kevin J. Farrugia)**

**vs.**

**Mario Fenech**

Numru: 1048/2010

Illum id-disgha (9) ta' Ottubru 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Mario Fenech**, ta' sitta u hamsin (56) sena, iben il-mejjet Luigi u Margaret neé Chetcuti, imwieled Balzan nhar l-14 ta' Marzu 1954 u residenti gewwa No. 77, 'Edwidge Ville', Triq is-Sienja, Attard, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0293554(M)

akkuzat talli nhar l-10 ta' Ottubru 2010 ghal habta ta' 22.35 hrs gewwa Numru 77, Edwige, Triq is-Sienja, H'Attard u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Juanita Fenech, li ghandha n-numru tal-Karta tal-Identita' 148761(M), skont kif ccertifika Dr. A. Mercieca M.D. tal-iSptar Mater Dei;

2. bl-imgieba tieghu kkaguna lil martu Juanita Fenech, li ghandha n-numru tal-Karta tal-Identita' 148761(M), biza' li ser tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalha biza.

Il-Qorti giet mitluba li titratta ma' l-imputat Mario Fenech talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba wkoll illi, fil-kaz ta' sejbien ta' htija, minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli, tapplika fil-konfront tal-hati l-Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 160) datata 13 ta' Gunju 2011 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 214, 215, 218, u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 251B, 251C
(c) fl-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-27 ta' Settembru 2011 (*a fol.* 173), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-13 ta' Gunju 2011 (*a fol.* 160), fejn giet ivverbalizzat: "*bir-rizerva tal-gheluq tal-provi*

*tal-Prosekuzzjoni"* (*a fol.* 173), f'liema seduta l-imputat iddikjara li kien qed jaghti l-kunsens tieghu ghall-proceduri sommarji.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-3 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 293), il-Qorti diversament preseduta gabet a konjizzjoni tal-partijiet l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-13 ta' Gunju 2011 (*a fol.* 160), f'liema seduta l-imputat ta l-kunsens tieghu ghall-proceduri sommarji.

Rat illi, fis-seduta tal-10 ta' April 2014 (*a fol.* 371 *et seq.)*, l-imputat iddikjara li kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 511 *et seq.*).

Semghet, fis-seduti tat-28 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 530), tal-20 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 535) u tas-17 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 537), lill-Prosekuzzjoni, lill-*parte civile* u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2017, lix-xhud prodott mid-difiza (*a fol.* 569 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fil-11 ta' Dicembru 2017 (*a fol.* 578 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-*parte civile* pprezentata fit-12 ta' Jannar 2018 (*a fol.* 582 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-difiza pprezentata fit-30 ta' April 2018 (*a fol.* 601 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2018, is-sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm da parte tal-Prosekuzzjoni u l-konsulenti legali tal-*parte civile* u tal-imputat (*a fol.* 628 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2010, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-**Assistent Kummissarju gia Spettur Kevin J. Farrugia** (*a fol.* 24 *et seq.*) fejn spjega li fl-10 ta' Ottubru 2010 il-Pulizija ta' Birkirkara kellha rapport minnghand Juanita Fenech li waqt li kienet fir-residenza fejn toqghod ma' zewgha l-imputat gewwa 77, Edwige, Triq is-Sienja, Attard, inqala' incident fejn hi sfat feruta f'idejha. Spjega x'qalet Juanita Fenech meta giet mitkellma mill-Pulizija fejn jghid ukoll li l-imsemmija Fenech giet iccertifikata minn tabib li kellha feriti ta' natura gravi. Jixhed ukoll li l-imputat innega l-incident rakkontat minn martu. Mistoqsi jghid jekk kienx hemm rapporti ohra ghajr dak li semma, wiegeb li fil-jiem u fil-gimghat ta' qabel, kien hemm diversi rapporti ohra fejn il-Pulizija jew hadet rapporti mill-Ghassa dwar incidenti bejn il-partijiet jew inkella marret fir-residenza f'Had-Attard biex tiehu dawn ir-rapporti. Ikkonferma l-istqarrija (Dok. "KF 2" – *a fol.* 12 *et seq.*) u c-certifikat mediku (Dok. "KF 3" – *a fol.* 14).

In <u>kontro-ezami</u> ikkonferma li anke l-imputat ghamel diversi rapporti kontra l-mara tieghu fejn uhud minnhom kienu jirrigwardaw li l-mara hebbet ghal zewgha pero' qal li ma jistax jikkonferma jekk kienx hemm xi certifikati medici.

L-Ufficjal Prosekutur **Kevin Farrugia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2011 (*a fol.* 210) fejn ezebixxa sentenza datata 30 ta' Ottubru 2007 liema sentenza giet immarkata bhala Dok. "KF 1" (*a fol.* 212 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tad-9 ta' April 2013 (*a fol.* 312 *et seq.*), spjega li f'Ottubru 2010 kien ilu disa' snin stazzjonat fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara. Jghid li saru diversi rapporti: kemm mill-parti leza u kif ukoll mill-imputat. Mistoqsi jghid jekk jafx li l-imputat kien ghamel rapporti li kien qed jigi msawwat minn

Juanita Fenech, wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi dwar l-akkadut tal-10 ta' Ottubru 2010, jghid li kien gie nfurmat mis-Surgent li kien hemm feriment gravi. Jghid li kien jaf li kien hemm diversi rapporti bejn il-partijiet u jaf li kien hemm il-problemi bejniethom.

In <u>ri-ezami</u> (*a fol.* 320 *et seq.*) ikkonferma li meta huwa baghat ghall-imputat fir-rigward ta' dak li gara fl-10 ta' Ottubru 2010, baghat ghalih meta rrizultalu li kien hemm allegazzjoni ta' ferita ta' natura gravi.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2010, xehdet ukoll **Juanita Fenech** (*a fol.* 27 *et seq.*) fejn spjegat li kienet ilha mizzewga lill-imputat ghal sebgha u ghoxrin sena u li ghandhom tifel ta' hmistax (15)-il sena. Tghid li kienet ilha sena u nofs tissusspetta li kien hemm relazzjoni bejn l-imputat zewgha u l-iskrivana tieghu u fit-28 ta' Awwissu 2010 kkonfermat dan is-suspett peress li qabdithom fil-flat taghhom f'San Pawl. Tghid: *"Minn dak inhar, hu minn dejjem kien ragel aggressiv u vjolenti pero' qatt ma rrapurtajt ebda incident ghajr wiehed 14-il sena ilu li gie rraporta lill-Pulizija pero' imbaghad rrangajna l-affarijiet u mxejna minn hemm"* (*a fol.* 28). Tghid li wara t-28 ta' Awwissu 2010, il-vjolenza bdiet teskala u l-imputat sar aktar verbalment abbuziv u iktar aggressiv fid-diskors u fl-agir tieghu. Tixhed: *"Fit-30 ta' Awwissu [2010] wara konfrontazzjoni beda jimbuttani u tefghani 'l hawn u 'l hemm u tefghani fuq sufan fejn kien hemm it-tifel u gejt fuq it-tifel u ta' dan ghamilt rapport lill-Pulizija"* (*a fol.* 28). Tghid li dan sehh fid-dar u fl-akkadut in kwistjoni l-imputat ilwielha jdejha u hedded li kien ser joqtolha u tefaghha fuq it-tifel Jean-Louis Fenech. Tghid li kellha hafna tbengiel. Ezebiet rapport immarkat bhala Dok. "JF" – *a fol.* 61 *et seq.*) u kif ukoll certifikat mediku rilaxxat minn Dr. John Zammit Montebello li gie mmarkat bhala Dok. "JF 1" (*a fol.* 47).

Tispjega li wara li hi bdiet il-proceduri tas-separazzjoni minn ma' zewgha, l-imputat rcieva xi karti u l-vjolenza bdiet teskala. Tixhed li fit-3 ta' Settembru 2010 l-imputat *"kien jinfexx jghajjarni u jkellimni hazin u jghidli, issa tiehu xi haga, issa tiehu kollox"* (*a fol.* 31). Tghid li l-imputat beda jinsulentaha personali, ikelliemha hazin pero' tghid li d-diskors ezatt ma tiftakrux. Tghid li dan l-incident gara fid-dar u

li ma sofriet l-ebda griehi u li ma tiftakarx jekk kienx hemm xi hadd iehor prezenti ghal dan l-incident. Ezebiet rapport immarkat bhala Dok. "JF 1" (*a fol.* 44 *et seq.*).

Tixhed li fil-5 ta' Settembru 2010 il-mara li qieghed maghha l-imputat marret warajha mir-Rabat sal-Belt Valletta u meta qalet lil zewgha li kienet ser taghmel rapport lill-Pulizija, hu heddidha li jekk taghmel hekk hu kien ser joqtolha. Tghid li dan gara fid-dar meta l-imputat sar jaf minn din il-mara li hi (Juanita) kienet ghamlet rapport ghand il-Pulizija. Tghid li in segwitu ta' dak li qalilha, ghamlet rapport iehor l-Ghassa tal-Pulizija, kopja ta' liema rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "JF 2" (*a fol.* 65 *et seq.*).

Tghid li fil-11 ta' Settembru 2010 hekk kif l-imputat kien id-dar heddidha li kien ser joqtolha u qalilha li hi kienet ser titfghu l-habs. Tispjega li l-imputat kien imur biss id-dar bil-lejl tard u li kien diga' ha hwejjgu kollha mid-dar. Tghid li ghamlet rapport pero' tghid li ma kellha ebda rapport x'tezebixxi.

Tispjega li peress li kienet bdiet il-proceduri ghal separazzjoni, hi la kienet qed tahsel il-hwejjeg lill-imputat u lanqas kienet qed issajjarlu. Tghid li kull darba li l-imputat kien jheddidha li hi kellha taghmel l-affarijiet xorta u hi kienet dejjem tghidlu *"Le"* (*a fol.* 34). Tixhed li darba minnhom fit-13 ta' Settembru 2010 qabadha minn idejha, beda jissussaha u qal li kien ser iqabbad lil hutha jixhdu falz kontra taghha. Tghid li beda jissussaha f'idejha u jimbuttaha u kellha wkoll tbengil. Ghal dan l-incident tghid li kien hemm prezenti it-tifel taghhom. Ezebiet kopja tar-rapport li ghamlet li gie mmarkat bhala Dok. "JF 3" (*a fol.* 48 *et seq.*) u kif ukoll certifikat mediku mmarkat bhala Dok. "JF 4" (*a fol.* 52).

Tixhed li fid-19 ta' Settembru 2010 l-imputat kien hadilha n-*number plate* tal-vettura biex hi ma tkunx tista tohrog warajh. Tghid li meta kkonfrontatu, hu prova jimbuttaha t-tarag. Tghid li hi ma ratux jiehu n-numru. Tghid pero' li kienet halliet il-vettura pparkjata fil-garaxx taghhom u li hu u hi biss ghandhom access ghalih. Tghid li marret taghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija u ezebiet kopja tar-rapport li gie mmarkat bhala Dok. "JF 5" (*a fol.* 69 *et seq.*).

Tispjega li fit-23 ta' Settembru 2010 hi riedet tohrog il-vettura mill-garaxx u l-vettura tal-imputat kienet ipparkjatha warajha. Tghid li l-imputat qalilha li ma setghetx tohrog u taha daqqa ta' ponn go wiccha. Tixhed li l-imputat beda jkisser l-affarijiet god-dar u sadanittant l-imputat cempel lil huh u dan mar id-dar jiehu r-ritratti tal-affarijiet imkissrin ghax *"hu jrid igibha li jiena kissirthom"* (*a fol.* 37). Tghid li marret il-*polyclinic* tal-Mosta peress li kellha d-demm nizel minn ma' wiccha u kellha nefha fuq xuftejha. Ikkonfermat certifikat li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "JF 6" (*a fol.* 53 *et seq.*).

Tghid li s-sitwazzjoni baqghet dejjem tiskala. Tixhed li kien hemm incident iehor fejn il-habiba tal-imputat, cioé Karen Sciberras, marret quddiem id-dar u bdiet theddiha biex hi (Fenech) ma ccempillux aktar. Tghid: *"Jien ghidtilha dak ghadu r-ragel tieghi sa issa. Kompliet tghidli ccempillux. Lilha hallejtha u ergajt dhalt gewwa. Meta gie d-dar, mid-dehra kienet qaltlu u jiena ghidtlu li ser mmur naghmel rapport lill-Pulizija u rega' heddidni li ser joqtolni"* (*a fol.* 38).

Tghid li fis-6 ta' Ottubru 2010, l-imputat mar id-dar fejn dam biss hames minuti u kellu mazz karti f'idejh li tahseb li kienu karti li kien ircieva mill-Qorti, fejn l-imputat beda jghajjat u jwerzaq. Tghid: *"Tefghani darba, darbtejn u t-tieni darba gejt mal-art fil-kuritur fuq, tefghani ma' l-art, fejn jiena hbatt wicci u ntlift minn sensija ghal xi hin"* (*a fol.* 39). Tghid li eventwalment marru l-Pulizija u faqghu l-bieb peress li hutha baghtu ghall-Pulizija wara li ppruvaw jaghmlu kuntatt maghha u ma kienx hemm risposta da parte taghha. Tghid li meta waslu l-Pulizija, sabuha mal-art fid-dar. Tghid li dakinhar kellha *concussion*. Ikkonfermat dokument li giet ezebit u mmarkat bhala Dok. "JF 7" (*a fol.* 56 *et seq.*).

Tixhed li wara s-6 ta' Ottubru 2010 kienu d-dar filghaxija, kienu xi l-11.00pm, f'liema hin l-imputat kien qed jara t-televizjoni u f'daqqa wahda tfieh. Tghid li hi kienet tinsab barra tirranga l-affarijiet fil-*hall*. Tghid: *"hareg u beda jghajjat u qalli: "issa tgawdieha d-dar iktar. Qalli issa ser ingib lil Karen hawn hekk u mhux ser tgawdieha iktar id-dar". U mbuttani darba u ma waqajtx. It-tieni darba mbuttani hafna bis-sahha u gejt fuq dahri u zammejt u ghandi tbengil fuq dahri fil-fatt u kisirli jdejja"* (*a fol.* 40). Tghid li bil-waqa' kisret idejha peress li

kienet daqqa minn quddiem, giet fuq idha u kisret idejha u kellha tigi operata jumejn war peress li giet infurmata li kellha *fracture* hazina. Tghid li l-ksur kien ftit il-fuq mill-polz. Ikkonfermat dokument li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "JF 8" (*a fol.* 59 *et seq.*). Mistoqsija tghid jekk sussegwentement ghal din l-operazzjoni kienx gara xi haga, wiegbet fin-negattiv.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsija tghid x'kien qed jaghmel l-imputat meta skond hi kien qed jara t-televizjoni u mar u mbuttaha u kisret il-polz, tghid: *"Hareg barra fil-hall, jiena kont qed nirranga l-affarijiet fil-hall u hu qalli issa mhux ser tgawdiehom iktar l-affarijiet ghax ser nigi jien u ser ingib lil Karen mieghi hawn hekk"* (*a fol.* 42). Tghid li dan il-hin kienet wahidha. Meta gie suggeriet lilha li dan kollu gara fit-*toilet*, wiegbet: *"Kemm ilni li qbadtu ma' din il-mara lanqas irridu zewg mili boghod minni, ahseb u ara kemm kont ser immur fil-kamra tal-banju fejn kien qieghed hu"* (*a fol.* 42). Mistoqsija tghid jekk hux minnu li hi mbuttatu, wiegbet fin-negattiv u qalet li qatt ma messietu. Ghad-domanda jekk hux minnu li bl-imbuttatura li tatu baqghet niezla b'kollox fuq idha u l-polz, wiegbet: *"Mhux veru xejn"* (*a fol.* 42).

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2010, xehdet ukoll **WPS 621 Maria Cuschieri** (*a fol.* 72 *et seq.*) fejn ezebiet l-okkorrenza datata 10 ta' Ottubru 2010 ghall-habta ta' 10.45pm li giet immarkata bhala Dok. "MC" (*a fol.* 75 *et seq.*). Tghid li hadet ir-rapport hi in segwitu ta' telefonata li saret minn Katrina Borg Cardona li tigi oht Juanita Fenech fejn irrappurtat x'kienet qaltilha ohtha fejn kienet sofriet ksur f'idejha. Tghid li hi (WPS 621) marret fuq il-post u hadet ir-rapport. Tixhed li lil Juanita Fenech sabitha barra fid-*drive* flimkien ma' ohtha u ma' missierha f'liema hin haditielha l-verzjoni. Tghid li Fenech ittiehdet l-iSptar ghall-attenzjoni medika u li hi hadet ukoll il-verzjoni tal-imputat. Tixhed li Juanita Fenech wrietha jdejha tax-xellug li kienet minfuha.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2010, xehdet ukoll **Katrina Borg Cardona** (*a fol.* 77 *et seq.*) fejn qalet li hija tigi oht Juanita Fenech. Tghid li okkazzjonijiet partikolari fejn rat xi haga tigri ma kienx hemm pero' tghid li fl-10 ta' Ottubru 2010 ghall-habta tal-10.30pm jew tal-10.45pm cemplitilha ohtha u qaltilha li zewgha kien

imbuttaha u waddabha mal-art u kisrilha jdejha. Tghid li hi (Borg Cardona) marret ghand ohtha mal-ewwel u qabel ghamlet hekk cemplet l-Ghassa tal-Pulizija u ghamlet rapport. Tghid li meta waslet fuq il-post kien hemm missierha u ohtha Juanita Fenech li kienet qed tibki u li kienet mugugha. Tghid li rat li id ohtha kienet mghawwga mill-polz b'mod stramb. Tghid li ftit minuti wara waslu l-Pulizija. Tghid li wara li ohtha giet mitkellma mill-Pulizija, hadet lil ohtha l-iSptar.

Tixhed li fis-6 ta' Ottubru 2010 ma setghetx tistabbilixxi fejn kienet ohtha peress li marret id-dar taghha u hadd ma fetah minkejja li habtu diversi drabi u minkejja li bdew jghajjtulha. Tghid li cemplet l-assistenza tal-112. Tispjega li l-imputat gie mitlub imur fil-post u li meta l-Pulizija dahlu fil-post ghax taw daqqa fuq il-bieb, meta telghu fuq setghet tara lil ohtha Juanita Fenech titrieghed u dehret konfuza jew imbezza'. Tghid li eventwalment ohtha giet mittiehda l-*polyclinic* fejn giet riferuta l-iSptar u nzammet ghall-osservazzjoni peress li nstab li kellha *"concussion u dizziness u xi confusion ukoll"* (*a fol.* 82).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 342 *et seq.*), tghid li meta marret ghand ohtha dakinhar tal-10 ta' Ottubru 2010, qaghdet fuq barra u fl-ebda hin ma dahlet fid-dar. Jidhirlha li ohtha Juanita kienet fuq barra. Ma tiftakarx jekk Jean-Louis harigx fuq barra. Tghid li marret l-iSptar ma' ohtha Juanita u damet hemm sa xi s-2.00am u qabel regghet waslitha d-dar, hadu c-certifikat l-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2010, xehed **Dr. A. Mercieca** (*a fol.* 104 *et seq.*) fejn wara li gie muri Dok. "KF 3" (*a fol.* 14) qal li ra lil Juanita Fenech f'nofs il-lejl u li Fenech kellha ksur fil-polz tan-naha tax-xellug. Jghid li kellha bzonn operazzjoni sabiex jissewwa l-ksur ghax kienet maqsuma f'hafna partijiet. Ikklassifika l-griehi bhala ta' natura gravi.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2010, xehdet ukoll **Daniela Pisani** (*a fol.* 106 *et seq.*) fejn qalet li hija haddiema socjali mal-Agenzija Appogg. Ikkonfermat li taf lill-parti leza u lill-imputat.

Tghid li fis-6 ta' Settembru 2010 kien inbeda kaz meta l-imputat kien akkumpanja lit-tifel tieghu Jean-Louis Fenech gewwa l-Agenzija Appogg fejn it-tifel kien stqarr li kien qed isir xi abbuz fiziku fuqu min naha tal-omm u *"imbaghad kompla jispjega wkoll li gie li sar xi abbuz b'xi sikkina min-naha tal-genb pero' mhux min-naha tal-ponta u kien spjegalna dwar dan"* (*a fol.* 107). Tghid li hi tkellmet ma' l-*school counsellor* David Grillo li qalilha li Jean-Louis Fenech qallu li l-parti leza Fenech kienet qed tghidlu biex jigdeb dwar tliet fatturi, cioé li s-segretarja li kienet qed tahdem fl-ufficcju ta' missieru kienet tkun hemm bla hwejjeg ta' taht, li gie li resqet quddiem id-dar matrimonjali u li gie ra lil missieru u s-segretarja dehlin fil-kamra tal-banju flimkien. Tghid li t-tifel qal ukoll li jekk hu ma jigdibx dawn l-affarijiet, l-omm kienet tghidlu li min-naha tal-familja maternali mhux ser jigi muri aktar imhabba u kien hemm cans li l-omm tispicca l-habs. Tghid li meta t-tifel gie mitkellem mill-kollegi taghha fl-20 ta' Ottubru, cioé mis-Sur Joseph Antoncich, it-tifel stqarr li dak kollu li kien qal fis-6 ta' Settembru 2010 u dak li kien qal lill-i*school counsellor* kien falz. Tghid li t-tifel qal li dan kollu kien qalu ghax il-missier kien qallu li jekk ma jghidx hekk ma kienx ser jaghtih aktar *pocket money* u ma kienx ser ihallaslu aktar skola privata. Tghid li mentri lill-imputat kellmitu (kemm meta darba minnhom mar l-Appgg u drabi ohra fuq it-telefon), lill-parti leza qatt ma kellmitha.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2011, xehdet **WPS 158 Gillian Henwood** (*a fol.* 142) fejn ikkonfermat li l-okkorrenza mmarkata bhala Dok. "JF" (*a fol.* 61 *et seq.*) giet ippreparata minnha.

**WPS 158 Gillian Henwood** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-4 ta' Frar 2015 (*a fol.* 487 *et seq.*) peress li giet mitluba mid-difiza tezebixxi rapport mhejji minnha li huwa datat 23 ta' Settembru 2010. Dan gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "SH" (*a fol.* 489 *et seq.*). Tikkonferma li mill-okkorrenza jirrizulta li gie rrapurtat lilha li kien hemm incident fid-dar matrimonjali u li gew pprezentati certifikati medici, kemm minn Juanita Fenech u kif ukoll minn Mario Fenech.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2011, xehed ukoll **PC 522 Philip Gauci** (*a fol.* 146) fejn spjega li huwa hejja l-okkorrenzi mmarkati bhala Dok. "JF 2" (*a fol.* 65 *et seq.*), Dok. "JF 3" (*a fol.* 48 *et seq.*) u Dok. "JF 5" (*a fol.* 69 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2011, xehdet ukoll **WPC 11 Zenia Azzopardi** (*a fol.* 148) fejn ikkonfermat li l-okkorrenza mmarkata bhala Dok. "JF 1" (*a fol.* 44 *et seq.*) giet inserita minnha.

**WPC 11 Zenia Azzopardi** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2014 (*a fol.* 435 *et seq.*) fuq talba tad-difiza fejn ikkonfermat li dakinhar tal-5 ta' Ottubru 2010 hadet rapport minn ghand Mario Fenech li mar jirraporta kontra l-eks mara tieghu Juanita Fenech rigward cwievet u xi pjanca tal-vettura li kellu. Ezebiet ir-rapport redatt minnha li gie mmarkat bhala Dok. "ZA" (*a fol.* 437 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2011, xehdet ukoll **Graziella Agius** (*a fol.* 150 *et seq.*) fejn qalet li hija haddiema socjali mal-Agenzija Appogg u li fid-9 ta' Dicembru 2010 giet mitluba sabiex issegwi lil Jean-Louis Fenech. Spjegat li l-i*school counsellor* David Grillo kien qalilha li huwa koncernat fuq it-tifel imsemmi ghax dan kien allega mieghu li ommu kienet qaltlu biex jixhed il-falz u li ra lis-segretarja ta' missieru minghajr *underwear*. Tghid li tkellmet mat-tifel Jean-Louis Fenech li qalilha li kien dehrlu li hu kien ra lis-segretarja ta' missieru minghajr *underwear*. Tghid li meta t-tifel gie mistoqsi x'ried ifisser biha din, hu rrisponda li s-segretarja kienet tkun bil-*miniskirt* u li kienet tkun faccata tal-iskrivanija ta' missieru sieq fuq sieq. Tghid: *"It-tifel ukoll zied jghidilna li hu ma kien ser isib l-ebda problema li jiddeponi fil-kawza ghax hu ried jghid is-sewwa. It-tifel zied jghidilna li jekk missieru kien jibqa' fir-relazzjoni ma' segretarja, hu lil missieru ma kienx ser ikellmu"* (*a fol.* 151).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2011, xehdet ukoll **Svetlana Camilleri** (*a fol.* 152 *et seq.*) fejn qalet li hija haddiema socjali fi hdan l-Agenzija Appogg. Tghid li meta tkellmet mat-tifel Jean-Louis Fenech flimkien mal-kollega taghha Graziella Agius, it-tifel semma li kellu relazzjoni tajba hafna ma' ommu. Tghid li l-minuri

qalilhom li l-akbar xewqa tieghu kienet dik li jara lill-genituri tieghu flimkien. Tixhed li t-tifel xtaq li jkollu kuntatt ma' missieru peress li f'dak il-perjodu ma' kienx qed ikollu kuntatt mieghu. Tghid li t-tifel allega li missieru kellu relazzjoni mas-segretarja tieghu u li hu kien innota li meta fil-vaganzi kien imur ix-xoghol ta' missieru, is-segretarja msemmija kienet tkun bla *underwear*. Tixhed: *"Meta staqsejnieh biex jispjegalna kif kkonstata li din kienet tkun bla underwear, hu r-risposta tieghu ma kinitx cara u hu qalilna li din kienet tkun ta' spiss b'dublett qasir u kienet tpoggi fuq il-bank ta' faccata ta' fejn kien ikun missier il-minuri u ghalhekk it-tifel zied jghidilna li seta' jara li din kienet tkun bla underwear"* (*a fol.* 153). Tghid li l-minuri xtaq jixhed u jghid il-verita'.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2011, xehed **Jean-Louis Fenech** (*a fol.* 174 *et seq.*) bis-sistema tal-*video conference*[1] fejn ghazel li jixhed minkejja li kellu l-ghazla li ma jixhidx. Jghid li ftit granet qabel ghalaq sittax-il sena u li ilu jghix fl-indirizz 77, Triq is-Sienja, Attard mindu kien tarbija. Mistoqsi dwar dak li gara fl-10 ta' Ottubru 2010 jghid li kien fil-ghaxija, kien fis-sodda fis-sular ta' fuq tad-dar qed jipprova jistrieh. Jghid li mill-kamra tas-sodda tieghu sema' lill-genituri tieghu li kienu isfel jargumentaw fuq il-*girlfriend* ta' missieru. Ma jafx ezatt fejn kienu. Jghid li sema' lil ommu twerzaq u tibki u mbaghad sema' tizbita. Jghid li nizel isfel biex jara x'gara u ra lill-missieru jmur fil-kamra tas-sodda tieghu. Jghid li ra lill-ommu bil-qieghda mal-art b'saqajha miftuhin. Jghid li ommu kienet qed tibki u li ra li kienet mugugha u li kellha xi haga stramba fl-ghadam ta' idejha. Jghid li ra li kellha xi haga fil-polz. Mistoqsi jghid jekk rax argumenti ohra qabel, wiegeb fl-affermattiv. Jghid li jiftakar li missieru kien jghajjat ma' ommu u certu drabi kien vjolenti. Jghid li incident minnhom kien meta hu (Jean-Louis) kien fuq is-sufan jara t-televizjoni u mbaghad sema' l-genituri tieghu jargumentaw, *"Imbaghad il-papa went crazy u started hitting her. Imbaghad he threw her on the sofa, on me u mbaghad kien threatening her u mbaghad threatening lili li jekk ma taghtinix il-mobile tieghek insakkrek fil-bathroom"* (*a fol.* 186). Spjega li missieru ried li jaghtih il-*mobile* biex hu (Jean-Louis) ma jkunx jista' jikkuntattja lill-ommu mill-ufficcju ta' missieru.

[1] *A fol.* 255.

Jghid li kien hemm incident iehor meta hu (Jean-Louis) kien fil-kamra tieghu u sema' lil ommu u lil missieru jargumentaw u meta mar jara x'gara, ra lil missieru li kien ser jimbotta lill-ommu fit-tarag. Mistoqsi mill-Qorti meta graw dawn l-incidenti, wiegeb li jahseb li graw f'Settembru 2010.

In kontro-ezami, mistoqsi jghid kemm ilu ma jara lil missieru, wiegeb li ilu madwar sena. Jghid li dakinhar tal-10 ta' Ottubru 2010 ommu stess kienet qaltlu li kienet mugugha. Ghad-domanda meta dakinhar tal-10 ta' Ottubru 2010 sab lill-ommu bil-qeghda mal-art, jekk hux minnu li kienet nofsha fis-*sitting room* u nofsha fil-*bathroom*, wiegeb fin-negattiv. Fuq dokument immarkat bhala Dok. "JL" (*a fol.* 204) immarka fejn huma s-*sitting room* u l-*bathroom* u jghid li saqajn ommu kienu qed iharsu ghal gos-*sitting room*. Jichad li ommu kienet icempillu kull hmistax (15)-il minuta meta kien ikun ix-xoghol ma' missieru.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2011, xehdet **Dr. Christine Zerafa** (*a fol.* 207 *et seq.*) fejn wara li rat Dok. "JF 7" (*a fol.* 56 *et seq.*) qalet li din hija *summary discharge letter* li harget fir-rigward ta' Juanita Fenech li kienet fid-Dipartiment tal-Kirurgija bejn is-6 u s-7 ta' Ottubru 2010. Tghid li l-imsemmija Fenech iddahhlet l-iSptar Mater Dei u sarulha xi testijiet inkluzi *x-rays* fil-mohh. Tghid li ma kien hemm xejn hazin u abnormali u b'hekk Fenech giet rilaxxata mill-iSptar Mater Dei fis-7 ta' Ottubru 2010 f'kundizzjoni stabbli.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 349 *et seq.*), tispjega x'inhi *concussion* u qalet li saru testijiet u rrizulta li din giet eskluza. Tispjega li minn CT *scan* li sar irrizulta li kollox kien tajjeb. Tghid li gie eskluz li kien hemm *injuries* fir-ras imma ma teskludiex li seta' kien hemm *loss of consciousness*.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Frar 2012, xehed **Haimi Borg Cardona** (*a fol.* 223 *et seq.*) fejn qal li huwa jigi hu l-parti leza Fenech. Jghid li fis-6 ta' Ottubru 2010 cemplitlu ommu Jennifer Borg Cardona u qaltlu li kienet qed tipprova taghmel kuntatt ma' bintha Juanita d-dar pero' ma bdietx tirrispondieha u b'hekk hu mar id-dar ta' Juanita u sab lil missieru jistenna hemmhekk. Jghid li bdew ihabtu l-bieb u hadd

ma rrisponda. Jghid li sar kuntatt mal-Pulzija li marru fuq il-post fejn milli seta' jifhem Surgent tal-Pulizija ta' sess femminili kienet qed iccempel lill-imputat pero' semaghha tghid biex imur jiftah id-dar. Jghid li eventwalment il-bieb intefa' l-gewwa u flimkien ma' Pulizija tela' fuq u raw lil Juanita mitfugha mal-art. Jghid li meta messha kienet kiesha hafna u beda jcaqlaqha b'idu u hi bdiet tghajjat biex inehhulha lil Mario minn hemm. Jghid li Juanita bdiet tibza' li kien ser ikun hemm Mario u li eventwalment Juanita ttiehdet il-*polyclinic* tar-Rabat fejn gew mibghuta l-Emergenza fl-iSptar.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Frar 2012, xehed ukoll **George Borg Cardona** (*a fol.* 227 *et seq.*) fejn spjega li huwa jigi missier Juanita Fenech. Jghid li fit-30 ta' Awwissu 2010 jekk mhux sejjer zball, jumejn wara li bintu kienet sabet lir-ragel taghha ma' mara ohra, bintu cemplitlu u qaltlu li zewgha kien sawwatha u hu qalilha biex tistennieh ha jmur ghaliha u baqghu sejrin jaghmlu rapport l-Ghassa tal-Pulizija. Jghid li kien hemm ukoll it-tifel tal-konjugi Fenech. Jaf li sar certifikat il-*polyclinic* pero' ma jiftakarx jekk hux mir-Rabat jew mill-Mosta.

Jixhed li f'okkazzjoni ohra, bintu Juanita cemplitlu u qaltlu li kien mar ir-ragel taghha u ghamel storbju u heddidha u li hi kienet imbezza' hafna. Jghid li aktar tard bintu qaltlu li kienet cemplet lill-Pulizija. Jghid li minkejja li mar ghand bintu, din ma fethitlux u ftit wara mar ibnu Haimi u meta waslet is-Surgenta mara semghha tghid lill-imputat biex imur u wara xi hin gie sgassat il-bieb. Jghid li meta tela' fuq, sab lil Haimi u lill-Pulizija jigbru lil Juanita mill-art. Jghid li kienet imfixkla hafna u mbezza' u bdiet tahseb li kien hemm Mario l-imputat ghax kien hemm hafna Pulizija. Tghid li meta gew biex johorgu mid-dar biex tittiehed il-*polyclinic*, *"kienet imwerwra u ma riditx tohrog biex tmur fil-karozza mieghu [ma' huha] ghax rat lil Mario"* (*a fol.* 229). Jghid li bintu Juanita tant kienet imbezza' li ma riditx tohrog dment li Mario kien hemm u li *di fatti* Mario ttiehed fi triq laterali.

Jghid li f'okkazzjoni ohra, u jispecifika fl-10 ta' Ottubru 2010, fejn jghid li mhux cert jekk cemplitlux Juanita jew binha, gie nfurmat li

Juanita kienet imwegga' ghax kien sawwatha zewgha l-imputat. Jghid li qabad u mar id-dar ta' Juanita u sabha tibki fid-*driveway* b'idejha milwija. Jghid li Juanita kienet qaltlu li l-imputat kien kisrilha idejha. Jghid li ttiehdet l-iSptar fejn ghamlet numru ta' operazzjonijiet.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2012, xehed il-**Prokuratur Legali Alan Scicluna** (*a fol.* 235 *et seq.*) fejn spjega li kien qed jixhed in rapprezentanza tal-iSptar Mater Dei. Ikkonferma file mediku tal-parti leza Juanita Fenech.[2] Jghid li ma kienx ghamel fotokopja tieghu hu. Mistoqsi mill-Qorti kif jista' jghid li hemm il-*file* originali kollu qieghed hemmhekk, wiegeb: *"Ghax rajtha taghmlu mill-file u ccekkjat kienu quddiemi"* (*a fol.* 236).

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2012, xehed **PS 839 Stephen Micallef** (*a fol.* 237 *et seq.*) fejn xehed li fis-6 ta' Ottubru 2010 ghall-habta tas-7.30am kien mar l-imputat fejn irraporta li waqt li kien qieghed jiehu *shower* dahlet martu fuqu u haditlu xi *pouch* li kien fih xi muniti zghar, xi cwievet, u *remote control* tal-garaxx u tal-*gate*. Ezebixxa r-rapport li gie mmarkat bhala Dok. "SM" (*a fol.* (239 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2012, xehed **Dr. Steven Farrugia Sacco** (*a fol.* 253) fejn ezebixxa kopja ta' DVD li tikkontjeni d-depozizzjoni tal-minuri Jean-Louis Fenech moghtija fis-27 ta' Settembru 2011.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **SM 564 Geoffrey Schembri** (*a fol.* 263 *et seq.*) fejn spjega li fis-6 ta' Ottubru 2010 ghall-habta tal-10.30pm kien mar Mario Fenech jirraporta l-Ghassa tal-Pulizija li minkejja li kien mar ihabbat id-dar peress li ma kellux cwievet ghax kienet hadithomlu martu iktar kmieni, ma fetahlu hadd. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "GS" (*a fol.* 265 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 337 *et seq.*), jghid li l-imputat ghamel ir-rapport imsemmi wara li hu

[2] *Envelope loose.*

(Schembri) qallu li ma setghax jobbliga lill-martu tiftahlu l-bieb halli jidhol. Jghid li missier il-parti leza kien infurmah li l-parti leza kienet l-iSptar u hu (Schembri) ikkonferma dan.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2012, xehdet ukoll **WPS 198 Jennifer Caruana** (*a fol.* 267 *et seq.*) fejn ezebiet sitt rapporti li fejn kienet ikkoncernata hi liema rapporti kienu jirrigwardaw il-parti leza u l-imputat, liema rapporti gew immarkati bhala Dok. "A" sa Dok. "F" (*a fol.* 270 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2012, xehdet **Lina Janulova** (*a fol.* 294 *et seq.*) fejn qalet li hija *Medical Superintendent* tal-iSptar Mater Dei. Ezebiet vera kopja tal-file mediku ta' Juanita Fenech li gie mmarkat bhala Dok. "LJ"[3]. Tghid li Susan Bonnici hija l-assistenta taghha.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2012, xehdet ukoll **Susan Bonnici** (*a fol.* 296) fejn ikkonfermat li hija ghamlet fotokopja tad-dokument li gie pprezentat minn Lina Janulova. Wara li rat Dok. "LJ"[4] ikkonfermat li dawn huma l-fotokopji li saru minnha.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' April 2014, xehed **Kenneth Darmanin** (*a fol.* 373 *et seq.*) fejn spjega li huwa jaf lill-imputat ghax ghamillu l-bieb tal-garaxx u l-*gate* fid-dar tieghu. Spjega li fis-sena 2010 kien mar fuq il-post fejn kienu joqghodu l-konjugi Fenech f'Had-Attard biex jiprogramma r-*remote control* gdida. Jixhed li nqala' argument bejn il-parti leza u l-imputat. Jghid li sema ghajjat u wara xi hin ra lill-parti leza taghti bis-sieq lill-imputat. Jghid li l-glied bejniethom kompla u li l-parti leza qabdet tornavit u heddidtu bih (lil Darmanin) u bdiet tistaqsieh jekk kienx ra lill-imputat isawwatha. Jghid li l-parti leza zammet it-tornavit f'idejha u bdiet tghidlu (lil Darmanin) biex jitlaq il-barra. Ikkonferma li kien ghamel affidavit li jinsab *a fol.* 17.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li ilu jaf lill-imputat iktar minn ghaxar snin peress li kien ghamel xi bibien tad-dar. Jghid li m'hemmx hbiberija partikolari bejniethom. Ikkonferma li filwaqt li l-imputat ried li hu

[3] *Ibid.*
[4] *Ibid.*

(Darmanin) jibdel il-*code* tal-*gate*, il-parti leza ma riditx. Jghid li meta mar fuq il-post, l-imputat kien qed jistennieh fejn il-*gate* u martu kienet gor-residenza. Fir-rigward tad-dikjarazzjoni li tinsab *a fol.* 17, meta mistoqsi jghid ghal ha l-izbrigu li jaghmel dan l-affidavit, jghid li kien cempillu l-imputat.

In <u>ri-ezami</u>, jghid li meta ra lill-parti leza taghti bis-sieq lill-imputat, l-imputat qala' daqqa go rkopptu. Jghid li l-imputat kien qallu li r-*remote control* kien *missing* minn god-dar.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' April 2014, xehed ukoll **Alex Fenech** (*a fol.* 385 *et seq.*) fejn spjega li l-imputat jigi huh. Jghid li fit-23 ta' Settembru 2010 ghall-habta tas-7.00am kien cempillu huh l-imputat li kien jinstema pjuttost imwerwer fejn qallu li l-mara kienet attakkatu u ried li jcempel l-Ghassa tal-Pulizija u ried li jmur id-dar tieghu ha jehodlu xi ritratti peress li kellu d-demm. Jghid li meta mar fil-fond tal-konjugi Fenech sab il-*gate* maghluqa, sab lil huh l-imputat b'zaqqu barra u b'qalziet u sab ukoll lil mart l-imputat. Jghid li huh kien kollu dmija u li ma dahalx fir-residenza u beda jiehu xi ritratti. Ezebixxa seba' ritratti li gew immarkati bhala Dok. "AF" (*a fol.* 392). Jghid li mentri ra xi grif ma' dahar huh, fuq martu ma ra l-ebda griehi. Mistoqsi jghid jekk kienx hemm incidenti ohra li ghex hu, wiegeb: *"Ifhmini glied bejniethom rajt hafna voldieri"* (*a fol.* 388).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li huwa qatt ma ra tbengil fuq Juanita Fenech. Mistoqsi jghid x'kienu l-incidenti li jghid li ra, jghid: *"L-iktar, qatt ma rajthom jaghtu fl-idejn, argumenti verbali"* (*a fol.* 390).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2014, xehdet **Dr. Marisa Cassar** (*a fol.* 395 *et seq.*) fejn qalet li kienet giet nominata minn Qorti ohra f'kaz ta' paternita' u tispjega li kienet ghamlet kuntatt mal-partijiet biex jaghtuha *sample*. Tikkonferma li l-missier (l-imputat) kien mar ghat-test u kien ta *sample*. Tghid li l-omm (il-parti leza) marret u li t-tifel kellu jmur wara l-iskola u, minkejja li stennietu, dan baqa' ma marx.

In kontro-ezami kkonfermat li giet nominata f'kawza civili. Tghid li giet nominata sabiex jigi stabbilit jekk Jean-Louis Fenech kienx it-tifel ta' Mario Fenech.

**Dr. Marisa Cassar** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2014 (*a fol.* 418 *et seq.*) u giet mistoqsija fir-rigward tan-nomina taghha li tirrizulta minn Dok. "MC" (*a fol.* 420A *et seq.*). Ghad-domanda jekk qdietx l-inkarigu taghha, tghid li kull ma hadet kien *swab* ta' Mario Fenech. Ikkonfermat li rceviet l-*email* immarkata bhala Dok. "KG 1" (*a fol.* 408).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2014, xehed ukoll l-i**Spettur Jonathan Ransley** (*a fol.* 399 *et seq.*) fejn spjega li fil-11 ta' Dicembru 2012 kien gie interrogat il-minuri Jean-Louis Fenech fir-rigward ta' prezentazzjoni ta' xi dokumenti foloz. Jghid li mal-minuri kienet marret ommu u aktar tard mar nannuh. Ezebixxa dikjarazzjoni li giet immarkata bhala Dok. "JR" (*a fol.* 404).

In kontro-ezami jghid li kien hemm proceduri civili bl-okkju **Borg Cardona et vs. Mario Fenech et** fejn kien gie ezebiet dokument ta' psikologu u George Borg Cardona qal li t-tifel kien ghamel dan id-dokument. Jghid li ntbaghtet komunika mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera peress li minn naha ta' Mario Fenech et sar ilment fejn inghad li d-dokument kien wiehed falz.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2014, xehdet **Eunice Grech Fiorini** (Assistent Registratur in rapprezentanza tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali) (*a fol.* 409 *et seq.*) fejn qalet li giet mitluba tezebixxi vera kopja ta' ittra legali pprezentata l-Qorti fil-31 ta' Awwissu 2010 fis-Sezzjoni tal-Familja bit-timbru 998 permezz ta' liema ittra ndew proceduri ta' medjazzjoni. Din l-ittra giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "EGF" (*a fol.* 411 *et seq.*). Ezebiet ukoll Nota ta' Juanita Fenech datata 17 ta' Dicembru 2012 bin-numru 934 li giet immarkata bhala Dok. "EGF 1" (*a fol.* 414 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2014, xehed ukoll **Raymond Desira** (*a fol.* 424 *et seq.*) fejn qal li kien ser jixhed in rapprezentanza tal-Karta tal-Identita' rigward it-*tracking history* tac-*change of address*

ta' Juanita Fenech. Ezebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. "RD" (*a fol.* 429).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2014, xehed ukoll **PS 321 Alan La Grasta** (*a fol.* 430 *et seq.*) fejn ipprezenta rapport li sar fil-5 ta' Ottubru 2010. Jghid li dan kien rapport anonimu. Spjega x'fih ir-rapport *per se* fejn jghid li nghad li kien hemm glieda familjari u li meta marru fuq il-post sabu lil Juanita Fenech bil-qieghda fil-vettura u li meta giet mistoqsija tghid jekk kienx hemm xi glieda, din wiegbet fin-negattiv. Jghid li aktar tard gie mitkellem zewgha minn fuq it-telefon fejn qal li kien jinsab ghand it-tabib peress li kien laqqat daqqa ta' sieq minn ghand martu. Ir-rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "AL" (*a fol.* 432 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2014, xehed l-i**Spettur Sandro Camilleri** (*a fol.* 480 *et seq.*) fir-rigward tar-rapport tas-6 ta' Ottubru 2010 (*a fol.* 270 *et seq.*). Jghid li kien id-Depot u li dahlet informazzjoni li kien hemm xi hadd li kien ser jikkommetti suwicidju. Jixhed li tkellem ma' oht din il-persuna li nfurmatu b'dan u li minn *localisation* tal-*mobile* tal-persuna rrizulta li kienet fid-dar. Jghid li gie nfurmat li r-ragel ta' din il-persuna li allegatament kienet ser tikkommetti suwicidju fejn qal li ma kellux cwievet tad-dar peress li martu kienet biddlet is-serratura. Jghid li ta struzzjoni biex jinfaqa' l-bieb u wara li gara hekk gie nfurmat li l-mara in kwistjoni kienet tinsab gewwa fl-art. Jghid li hu ma ra xejn peress li baqa' d-Depot.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2017, xehed **Christopher Farrugia** (*a fol.* 569 *et seq.* u *a fol.* 571 *et seq.*) fejn qal li huwa Xjenzat Forensiku u qal li jigi nominat mill-Qrati f'kazijiet fejn ghandu x'jaqsam *body fluids* u DNA. Jghid li l-imputat kien mar ghandu biex ikun jista' jaghmel test tad-DNA fir-rigward tal-wild Jean-Louis. Jghid li kien eleva wkoll kampjuni minn fuq il-wild. Ezebixxa certifikat in sostenn ta' dan li gie mmarkat bhala Dok. "CF 1" (*a fol.* 576) u jghid li c-certifikat jeskludi li Mario Fenech huwa l-missier bijologiku tal-wild. Meta gie muri Dok. "X" (*a fol.* 574 u 575)[5] ikkonferma li huwa

[5] *A fol.* 572 gie registrat is-segwenti: *"Il-Qorti tinnota li meta x-xhud ha konjizzjoni ta' dan id-dokument gie muri biss ir-ritratt u l-konnotati indikati fid-dokument gew mohbija".*

eleva l-kampjuni orali minn il-persuna li tidher f'dan id-dokument. Jiftakar li meta ttiehed is-*sample* minn fuq dan il-persuna, il-persuna ma kienx minorreni u seta' jaghtih il-kunsens.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk hax il-Karta tal-Identita' tal-guvnott li mar ghandu, wiegeb fin-negattiv. Jghid ukoll li dan il-guvnott ma ffirmalu xejn peress li t-test kien biss ghall-uzu personali. Jghid li ha kampjuni mill-halq. Jghid li d-data tal-ezami tirrizulta minn Dok. "CF 1" (*a fol.* 576) u cioé it-28 ta' Ottubru 2016.

In <u>ri-ezami</u> jghid li, jekk mhux sejjer zball, il-guvnott li mar ghandu kien qed isegwi kors l-MCAST u li kien konsapevoli tat-test li kien ser isir. Mistoqsi jghid x'konnessjoni hemm bejn il-guvnott li hemm fir-ritratt Dok. "X" (*a fol.* 574) u l-persuna li hemm imnizzla fic-certifikat bhala dik li hija suppost il-wild ta' Mario Fenech, wiegeb: *"Huma l-istess persuna"* (*a fol.* 573).

**Ikkunsidrat**

Illi, apparti d-dokumenti li saru riferenza ghalihom hawn fuq, l-atti processwali jikkontjenu wkoll dokumenti ohra, fost l-ohrajn is-segwenti:

- fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2014, id-difiza ezebiet numru ta' sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat li gew immarkati bhala Dok. "KG" (*a fol.* 355 *et seq.*);

- fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2014, id-difiza ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. "KG 1" (*a fol.* 408) liema dokument hija *email* mibghuta minn Juanita Fenech lil Dr. Marisa Cassar;

- fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2014, id-difiza ezebiet ukoll diversi sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat li gew immarkati bhala Dok. "A" sa "H" (*a fol.* 437 *et seq.*);

- fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2014, id-difiza ezebiet verbal li gie mmarkat bhala Dok. "KG" (*a fol.* 463 *et seq.*);

- fis-seduta tal-4 ta' Frar 2015, id-difiza pprezentat tliet *cards* u tliet karti (dokumenti originali) li gew immarkati bhala Dok. "KG" (*a fol.* 493);

- fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2017, id-difiza ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. "KG 1" (*a fol.* 577).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "KF 2" – *a fol.* 12 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur Kevin Farrugia, liema stqarrija giet rilaxxata fil-11 ta' Ottubru 2010 wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa ha dan id-dritt, l-imputat qal li kien ilu mizzewweg lil Juanita Fenech ghal kwazi sebgha u ghoxrin (27) sena. Jichad li l-gurnata ta' qabel huwa mbotta lil Juanita Fenech minn sidirha u li kisrilha idha. Jghid li kien qed juza t-*toilet* bil-bieb maghluq, martu fethet il-bieb fuqu u qaltlu: *"Ghid lil Karen li jiena ittawwalt"* (*a fol.* 12). Jghid: *"Rajtha ha tgholli saqajha biex taghtini daqqa ta' sieq go dahri, inklinajt il-quddiem jiena u bl-ohra inzomm il-persuna tieghi biex ninqeda ha naghmel l-awrina. Smajt hoss u rajtha ma' l-art. Li gara l-finishing tal-parquet iccaqlaq biha, zelqet u waqghet"* (*a fol.* 12). Jghid li x'hin nizel it-tifel ra lil ommu nofsha fil-*bathroom* u nofsha fil-*hall*. Jghid li qabel raha taghti s-salt biex tipprova tehodlu l-*mobile* li kien fil-baskett, imbaghad qabad il-*mobile*, dahlu fil-but tal-qalziet u l-baskett ghamlu man-naha tax-xellug tieghu. Jghid li x'hin ra lil martu tgholli saqajha biex tixxutjah waqt li kien fil-*bathroom*, hu nklina l-quddiem u zamm idejha mal-hajt u l-ohra l-parti tieghu. Mitlub jikkonferma li hekk kif martu ppruvat tehodlu l-*mobile*, hu attakkaha u kisrilha idha, wiegeb fin-negattiv. Jghid li martu kisret idha meta waqghet fl-art u jghid: *"kellha brazzuletta tal-hadid f'idha jien ma stajtx immisha"* (*a fol.* 12 *tergo*). Jghid: *"din qed tipprova tehodli d-dar u mhux ha naghtiha d-dar on a silver plate, ga nqabdet taghmel rapporti foloz. Darba, darbtejn"* (*a fol.* 12 *tergo*). Mistoqsi jghid kemm il-darba gew fl-idejn fl-ahhar gimghat, wiegeb li huwa qatt ma taha pero' jaqla' biss. Jichad li l-gurnata ta' qabel imbotta lil Juanita. Ghad-domanda: *"Ghidli ghalfejn ghal aktar minn darba Juanita tat verzjoni affidabli li int ksirtilha idha?"* (*a fol.* 12 *tergo*), wiegeb: *"Qeghda*

*tigdeb, dik ghandha interess li tehodli d-dar u t-tifel ukoll"* (*a fol.* 12 *tergo*). Jghid li ddefenda ruhu u mistoqsi jghid jekk martu laqtitux, wiegeb fin-negattiv u jghid li mxielha l-quddiem. Jghid li martu tivvinta l-gideb. Mistoqsi jghid jekk fuqu kellux xi griehi, jghid: *"Ma setax ikolli griehi"* (*a fol.* 12 *tergo*). Ghad-domanda li waqt li kien qed juza' t-*toilet*, b'idu l-ohra mbuttaha, wiegeb: *"Le ma stajtx"* (*a fol.* 13). Jghid li kemm hu kif ukoll Juanita Fenech huma lemini. Ghad-domanda: *"Fehmni mela kif kisret idha tax-xellug meta ppruvat izzomm meta waqghet dejjem kif ..jeajt int?"* (*a fol.* 13), wiegeb: *"Ghax dik kellha l-bangle tal-hadid nahseb dik weggghatha"* (*a fol.* 13). Ghad-domanda: *"Nifhem li persuna leminija zzomm bil-lemin u mhux bix-xellug, mela jekk kellha tikser id, kellha tinkiser tal-lemin fil-waqa', sinjal li mbuttajtha fuq in-naha tax-xellug biex kisret dik?"* (*a fol.* 13), wiegeb: *"Zgur li le, jien kont okkupat, nahlifulek dak"* (*a fol.* 13).

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li l-imputat u martu l-allegata vittma Juanita Fenech kienu ilhom mizzewwgin ghal aktar minn hamsa u ghoxrin sena minn liema zwieg jinghad li kellhom wild li skond DNA *Test Report* (Dok. "CF 1" – *a fol.* 576) ezebit mix-Xjenzat Forensiku Christopher Farrugia jeskludi li Mario Fenech huwa l-missier bijologiku ta' Jean-Louis Fenech. L-allegata vittma tallega li zewgha l-imputat kellu relazzjoni mal-iskrivana tieghu. Jirrizulta mill-atti processwali li kienu nbdew proceduri ta' separazzjoni mill-allegata vittma u jirrizulta wkoll li kien hemm zmien fejn saru diversi rapporti gmielhom ghand il-Pulizija, kemm mill-allegata vittma u kif ukoll minn zewgha l-imputat, liema rapporti kienu jkunu ghal ragunijiet varji. Id-difiza tallega li l-ghan ta' Juanita Fenech kien dak li l-imputat jitkecca mid-dar matrimonjali.

Illi fid-depozizzjoni taghha Juanita Fenech tallega diversi drabi li l-imputat kien jheddiha u kien vjolenti fuqha. Fir-rigward tal-akkadut mertu tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, Juanita Fenech tallega li l-imputat imbuttaha darbtejn fejn ma' l-ewwel imbuttatura ma waqghetx, u mat-tieni mbuttatura, waqghet u giet fuq dahra u spiccat b'idejha miksura. Fl-istqarrija rilaxxata minnu, l-imputat jichad li mbotta lill-martu u jghid li hija

zelqet u waqghet. Dak il-hin, fid-dar kien hemm Jean-Louis Fenech li ma rax l-akkadut.

Illi eventwalment ittiehdu l-proceduri kriminali odjerni fil-konfront tal-imputat fejn l-imputat gie akkuzat li dakinhar tal-10 ta' Ottubru 2010 ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq martu, u gie akkuzat ukoll li bl-imgieba tieghu kkaguna lill-martu biza' li ser tintuza vjolenza kontriha. Il-Qorti giet mitluba wkoll titratta mal-imputat bhala recidiv.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser l-ewwel taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali specjalment minhabba l-fatt li l-verzjoni moghtija mill-allegata vittma Juanita Fenech u l-verzjoni moghtija mill-imputat huma kontrastanti.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Illi din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet u cioé jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment

konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."
>
> (Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif *del resto* hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u

> kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9”.

Illi ma hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant, il-Qorti ghandha taghti qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatizzi ohra tax-xhieda taghhom u jekk x-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan *ai termini* tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti trid l-ewwel tara liema hija l-verzjoni l-aktar verosimili rigward dak li sehh fl-10 ta' Ottubru 2010 – jekk hijiex dik tal-allegata vittma jew jekk hijiex dik tal-imputat. Jinghad mal-ewwel li din il-Qorti m'hijiex f'pozizzjoni aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ma ghexietx il-process kollu tul medda ta' zmien. F'kazijiet fejn il-Qorti tkun ghexet il-process kollu, il-Qorti tkun f'pozizzjoni aktar favorevoli wara li tkun semghet x-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, ezaminat l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatat x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi l-Qorti kif preseduta tinnota li, <u>bhala stat ta' fatt</u>, mhux l-ewwel darba li fi proceduri kriminali <u>**ohra**</u> fejn il-Qorti ma ghexietx il-process kollu tal-kaz li l-Qorti emmnet verzjoni ta' persuna li tkun allegata vittma f'liema kaz tali verzjoni tkun kontra l-verzjoni tal-imputat (minghajr prezenza ta' xhieda okulari ohra) u b'hekk il-Qorti ghaddiet biex issib htija fl-imputat fil-kawza in kwistjoni ghab-bazi ta' dak li gie akkuzat bih. B'hekk m'huwiex impossibli li Qorti tiehu l-fil tal-kaz u tax-xhieda mismugha minkejja li ma tkunx ghexet il-process kollu. Ovvjament kull kaz irid jigi studjat u analizzat *per se* u dan huwa dak li ser taghmel il-Qorti issa.

Illi l-Qorti hija rinfaccjata b'verzjoni ta' persuna kontra verzjoni ohra ta' persuna ohra u dana *stante* li kienu l-konjugi Fenech biss

kienu prezenti waqt l-akkadut tal-10 ta' Ottubru 2010 u huma biss setghu jghidu x'gara jew ma garax. Diga' nghad aktar il-fuq li l-allegata vittma tallega li dakinhar tal-10 ta' Ottubru 2010 l-imputat imbuttaha darbtejn fejn ma' l-ewwel imbuttatura ma waqghetx, u mat-tieni mbuttatura waqghet, giet fuq dahra u spiccat b'idejha miksura. Da parte tieghu, l-imputat jichad dan u jghid li martu spiccat imwegga' ghax zelqet u waqghet. Il-Qorti taghmilha cara li mhux il-kompitu taghha li tara jekk l-imputat verament ma kienx fidil lejn martu u li kellu relazzjoni mal-iskrivana tieghu u anqas m'huwa l-kompitu taghha li tara jekk Jean-Louis Fenech huwiex il-wild tal-imputat.

Illi, fir-rigward tal-akkadut tal-10 ta' Ottubru 2010, fl-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Kienu biss l-allegata vittma u l-imputat li kienu prezenti u li setghu jixhdu rigward dak li sehh.

- L-allegata vittma Juanita Fenech tiddeskrivi li dakinhar tal-10 ta' Ottubru 2010 waqt li kienet tinsab barra tirranga l-affarijiet fil-*hall*, l-imputat *"hareg u beda jghajjat u qalli: "issa tgawdieha d-dar iktar. Qalli issa ser ingib lil Karen hawn hekk u mhux ser tgawdieha iktar id-dar". U mbuttani darba u ma waqajtx. It-tieni darba mbuttani hafna bis-sahha u gejt fuq dahri u zammejt u ghandi tbengil fuq dahri fil-fatt u kisirli jdejja"* (*a fol.* 40). Meta gie suggeriet lilha li dan kollu gara fit-*toilet*, wiegbet: *"Kemm ilni li qbadtu ma' din il-mara lanqas irridu zewg mili boghod minni, ahseb u ara kemm kont ser immur fil-kamra tal-banju fejn kien qieghed hu"* (*a fol.* 42). Tichad li mbuttat lill-imputat u tghid li qatt ma messietu. Tichad ukoll li bl-imbuttatura li tat lill-imputat baqghet niezla b'kollox fuq idha.

- Fl-istqarrija (Dok. "KF 2" – *a fol.* 12 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat, liema stqarrija giet iffirmata mill-istess imputat u li giet rilaxxata wara li l-imputat ezercita d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat, l-imputat qal li dakinhar tal-10 ta' Ottubru 2010 waqt li kien qed juza t-*toilet* bil-bieb maghluq, martu fethet il-bieb fuqu u qaltlu: *"Ghid lil Karen li jiena ittawwalt"* (*a*

*fol.* 12). Jghid: *"Rajtha ha tgholli saqajha biex taghtini daqqa ta' sieq go dahri, inklinajt il-quddiem jiena u bl-ohra inzomm il-persuna tieghi biex ninqeda ha naghmel l-awrina. Smajt hoss u rajtha ma' l-art. Li gara l-finishing tal-parquet iccaqlaq biha, zelqet u waqghet"* (*a fol.* 12). Jghid li qabel raha taghti s-salt biex tipprova tehodlu l-*mobile* li kien fil-baskett, imbaghad qabad il-*mobile*, dahlu fil-but tal-qalziet u l-baskett ghamlu ma' naha tax-xellug tieghu. Jghid ukoll li x'hin ra lil martu tgholli saqajha biex tixxutjah waqt li kien fil-*bathroom*, hu nklina l-quddiem u zamm idejha mal-hajt u l-ohra l-parti tieghu. Mitlub jikkonferma li hekk kif martu ppruvat tehodlu l-*mobile*, hu attakkha u kisrilha idha, wiegeb fin-negattiv.

- Fl-okkorrenza (Dok. "MC" – *a fol.* 75 *et seq.*) redatta minn WPS 621 Maria Cuschieri jirrizulta s-segwenti:

  *"Meta mitkellma Juanita Fenech […] wiegbet li Mario Fenech kien mbuttaha minn sidirha, waqghet b'lura u wegghet idejha x-xellugija pero' ma tiftakarx kif giet bhala pozizzjoni. Mistoqsija jekk kienx hemm xi argument, Fenech wiegbet bl-imsemmi diskors "Ma nafx, Ma niftakarx. Ha nara. Mhux is-soltu! Is-soltu jghidli, issa tiehu xi haga?". Fenech ziedet tghid li dan sehh fejn il-bathroom"* (*a fol.* 76).

  *"Minn naha tieghu, [Mario] Fenech stqarr li huwa kien qieghed fil-kamra tat-toilet t'isfel, fejn kien qed jaghmel ftit ilma (pipi), fil-hin dahlet fuqu Juanita billi fethet il-bieb, qaltlu "Ghidilha lil Karen li harist" u gholliet sieqha fid-direzzjoni tieghu biex tolqtu u huwa kien pront warrab f'daqqa biex ma jintlaqatx u kien propju f'dan il-hin li ra lil Juanita taqa' b'lura ma' l-art ghal darha peress li sieqha kienet ghollietha hafna"* (*a fol.* 76).

- Jean-Louis Fenech xehed li kien fis-sular ta' fuq tad-dar u sema' lill-konjugi Fenech jargumentaw fuq il-*girlfriend* tal-imputat fejn jghid li sema' lil ommu twerzaq u tibki u mbaghad sema' tizbita. Jispjega li x'hin nizel biex jara x'gara, ra lill-ommu bil-qieghda mal-art b'saqajha miftuhin.

  Ghad-domanda fejn sab lill-ommu bil-qeghda mal-art, jekk hux minnu li kienet nofsha fis-*sitting room* u nofsha fil-*bathroom*,

wiegeb fin-negattiv. Fuq dokument immarkat bhala Dok. "JL" (*a fol.* 204) immarka fejn huma s-*sitting room* u l-*bathroom* u jghid li saqajn ommu kienu qed iharsu ghal gos-*sitting room*.

- Da parte taghha, Katrina Borg Cardona (oht l-allegata vittma) xehdet fuq dak li qaltilha ohtha u cioé li zewgha kien imbuttaha u waddabha mal-art u kisrilha jdejha.

- George Borg Cardona (missier l-allegata vittma) spjega li dakinhar tal-10 ta' Ottubru 2010 gie nfurmat jew minn bintu Juanita jew binha li Juanita kienet imwegga' ghax kien sawwatha zewgha. Jixhed li mar id-dar ta' Juanita u sabha tibki fid-*driveway* b'idejha milwija. Jghid li Juanita qaltlu li l-imputat kien kisrilha idejha.

- L-imputat dejjem cahad l-involviment tieghu f'dak allegat minn martu.

Illi l-Qorti tinnota li:

- minkejja li fl-okkorrenza (Dok. "MC" – *a fol.* 75 *et seq.*) jinghad li l-allegata vittma qalet: *"ma tiftakarx kif giet bhala pozizzjoni"* (*a fol.* 76),

- minkejja dak li qalu x-xhieda li gew imressqa f'dawn il-proceduri u li xehdu dwar dak li nghad lilhom,

- minkejja dak li qalu l-haddiema socjali tal-Agenzija Appogg,

- minkejja dak li qalu x-xhieda mressqa mid-difiza biex jiskreditaw lill-allegata vittma,

- minkejja li meta Jean-Louis Fenech gie mistoqsi jghid jekk rax argumenti ohra bejn il-konjugi Fenech qabel l-10 ta' Ottubru 2010, huwa wiegeb fl-affermattiv tant li xehed li jiftakar li l-imputat kien jghajjat ma' ommu u certu drabi kien vjolenti,

- minkejja dak li xehed Christopher Farrugia in segwitu tar-rapport tad-DNA (Dok. "CF 1" – *a fol.* 576),

- minkejja d-diversi sentenzi ezebiti fl-atti,

- minkejja l-hafna rapporti li saru ghand il-Pulizija,

- minkejja l-hafna dokumenti ezebiti in atti,

- minkejja l-antagonizmu u l-animosita' sfrenata bejn il-konjugi Fenech,

- minkejja li l-kawza odjerna kienet wahda li l-process taghha kien miggieled sew bejn il-partijiet tant li saru diversi insinwazzjonijiet minnhom, apparti d-dokumenti pprezentati,

- minkejja d-diversi verbali twal li saru,

minkejja dan kollu, il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-verzjoni moghtija mill-allegata vittma Juanita Fenech fir-rigward ta' dak li allegatament gara fl-10 ta' Ottubru 2010 giet sodisfacentement pruvata. Il-Qorti m'hijiex qed tghid li ma gratx pero' qed tghid li dak li hija qalet seta' gara pero' fl-istess waqt anke dak li qal l-imputat seta' gara wkoll. Il-griehi sofferti mill-allegata vittma setghu gew kagunati facilment kemm jekk giet imbuttata u waqghet mal-art (kif tallega hija) u kif ukoll jekk zelqet (kif jallega l-imputat). Kemm il-verzjoni moghtija minn Juanita Fenech u kif ukoll il-verzjoni moghtija mill-imputat rigward l-akkadut tal-10 ta' Ottubru 2010 huma verosimili. Il-Qorti ma tistax taghzel verzjoni minn ohra u ma tistax tasal biex temmen verzjoni u tiskredita l-ohra. Wara li l-Qorti ghamlet apprezzament sew tal-fatti kif esposti u hadet konjizzjoni ta' dak li nghad u li gie pprezentat, tinnota li taghsar kemm taghsar dak li jirrizulta mill-atti processwali u tevalwa kemm tevalwa l-fatti kif esposti, il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni li tiddikjara l-verzjoni moghtija mill-allegata vittma bhala aktar verosimili jew aktar veritjiera.

Illi minkejja l-insenjament fid-decizjonijiet imsemmija hawn fuq fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** u **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef**, mehud in konsiderazzjoni dak li nghad fis-sentenza kwotata hawn fuq fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer,** il-Qorti tikkonkludi li m'hijiex konvinta mill-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Illi f'dan il-kaz jezisti kunflitt fil-provi mressqa u b'hekk il-Qorti m'hijiex f'pozizzjoni li tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx.

Illi, minkejja l-provi mressqa f'dawn il-proceduri fir-rigward tal-griehi sofferti mill-allegata vittma, *stante* li l-Qorti ma hijiex f'pozizzjoni li tiddikjara l-verzjoni moghtija minn Juanita Fenech bhala verosimili u li mhijiex f'pozizzjoni tiddikjara li l-verzjoni moghtija mill-imputat m'ghandhiex mis-sewwa, il-Qorti ma tista' qatt tasal ghall-konkluzjoni jekk l-imputat volontarjament (jew involontarjament!) ikkagunax feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Juanita Fenech.

Ghaldaqstant isegwi li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

Illi, fir-rigward tat-<u>tieni imputazzjoni</u>, il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis**, deciza fl-24 t'April 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro**, deciza fis-7 ta' Marzu 2012, u ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**, deciza fil-21 ta' Frar 2012, liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-decizjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

> "Biex ikun hemm ħtija taħt l-Artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-Artikolu 251B xorta waħda.

> Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din *a course of conduct* fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".

Illi l-Artikolu tal-Ligi, cioé Artikolu 251B((1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk: *"li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra"*.

Illi minkejja l-fatt li fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju (*a fol.* 160), l-Avukat Generali ghamel riferenza ghall-Artikoli 251B u 251C minghajr ma ndika l-Kapitolu tal-Ligi rilevanti u minkejja d-diversi rapporti u sentenzi ezebiti in atti, il-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li saru aktar il-fuq fir-rigward tal-verzjonijiet moghtija minn Juanita Fenech u mill-imputat u tenut kont ta' tali konsiderazzjonijiet u tenut kont tal-fatt li c-*charge sheet* taghmel riferenza **BISS** ghad-data tal-"10 ta' Ottubru 2010" u ghall-hin "ghall-habta ta' 22.35 hrs", il-Qorti ma tista' qatt issib htija fl-imputat fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u b'hekk il-Qorti ser tillibera lill-imputat mill-imsemmija imputazzjoni.

Illi, tenut kont tal-fatt li l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) u mit-tieni (2) imputazzjoni addebitati fil-konfront tieghu, isegwi li l-Qorti ma tistax titratta mal-imputat talli sar recidiv kif intalab li jsir mill-Prosekuzzjoni fic-*charge sheet*.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tista' tispekula dwar jekk l-imputat kellux xi involviment f'dak li huwa gie akkuzat bih f'dawn il-proceduri, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Dak li jirrizulta mill-atti processwali jista' jindika diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma jista' qatt ikun prova univoka u ma jista' qatt iwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda.

Illi, mehud dan kollu li nghad hawn fuq in konsiderazzjoni, jirrizulta li fil-kawza odjerna jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputat huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat Mario Fenech hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni kontenuta fic-*charge sheet* sabiex jigi applikat fil-konfront tal-imputat Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* ta' Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li l-imputat gie liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

__________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

__________________________

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**